A.L. 55 tal-2009

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI
(*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI)
(KAP. 161)

Direttiva mill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għall-Ħruġ ta' Ewro 70,000,000

(i) 3.6% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2013 (IV)
(IR-RABA' ĦRUĠ)
jew
(ii) 5% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2021 (I)
(L-EWWEL ĦRUĠ) *Fungibility Issue*
jew
(iii) F'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Ewro 70,000,000

BIS-SAĦĦA tal-artikolu 4(1)(a) tal-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment awtorizza li l-ħruġ ta' Ewro 70,000,000 jiġi maħruġ kif ġej:-

(i) 3.6% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2013 (IV), jew

(ii) 5% *Stock* Tal-Gvern Ta' Malta 2021 (I) *Fungibility Issue*, jew

(iii) F'ammonti miż-żewġ *Stocks* imsemmija b'valur nominali flimkien ta' Ewro 70,000,000

Mod tal-Ħruġ tal-i*Stocks*.

1. L-i*Stocks* jinħarġu skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' *Stock*.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dawn l-i*Stocks*. It-tqassim tal-i*Stocks* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta.

3. (a) Skond id-dispozizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji (Kap. 345), meta dawn l-i*Stocks* jiġu allokati, għandha ssir applikazzjoni sabiex kull *Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(b) Fit-8 t'Awwissu, 2009, wara l-pagament tal-ewwel mgħax, kull ammont allokat fil-5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) jiġi integrat mal-i*Stock* eżistenti u wara, dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar.

4. Is-somma ta' flus li għandha tinġabar bl-i*Stocks* imsemmija flimkien tkun ta' Ewro 70,000,000. L-*Accountant General* jirriserva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'massimu ta' Ewro 25,000,000

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. (a) L-imgħax bir-rata ta' Ewro 1.80 għal kull Euro 100, 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-18 t'April u fit-18 t'Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Marzu, 2009 u s-17 t'Ottubru, 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-18 t'Ottubru, 2009.

(b) L-imgħax bir-rata ta' Ewro 2.50 għal kull Euro100, 5% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) jitħallas kull sitt xhur b'lura fit-8 ta' Frar u fit-8 t'Awwissu ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas *pro rata* relattiv għall-perjodu bejn it-18 ta' Marzu, 2009 u s-7 t'Awwissu, 2009 (iż-żewġ dati inklużi) jsir fit-8 t'Awwissu, 2009.

Fidwa ta' *Stock*.

6. (i) 3.6% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2013 (IV) jiġi mifdi b'parità fit-18 t'Ottubru, 2013.

(ii) 5.% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2021 (I) jiġi mifdi b'parità fit-8 t' Awwissu, 2021.